Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 593/2013

tal-21 ta' Ġunju 2013

li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għaċ-ċanga friska ta' kwalità għolja, imkessħa u ffriżata, u għal-laħam tal-buflu ffriżat

(riformulazzjoni)

(ĠU L 170, 22.6.2013, p. 32)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2287 tas-16 ta' Diċembru 2016	L 344	63	17.12.2016
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1478 tas-16 ta' Awwissu 2017	L 211	8	17.8.2017

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 593/2013

tal-21 ta' Ġunju 2013

li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għaċ-ċanga friska ta' kwalità għolja, imkessħa u ffriżata, u għal-laħam tal-buflu ffriżat

(riformulazzjoni)

Artikolu 1

1. Il-kwoti ta' tariffi li ġejjin huma miftuħin kull sena għall-perjodu mill-1 ta' Lulju ta' sena partikolari sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-perjodu tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni":

▼M1

(a) 66 826 tunnellata għal laħam ta' annimali bovini frisk ta' kwalità għolja, imkessaħ jew iffriżat koperti mill-kodiċijiet NM 0201 u 0202 u għal prodotti koperti mill-kodiċi NM 0206 10 95 u 0206 29 91.

▼B

(b) 2 250 tunnellata ta' laħam tal-buflu ffriżat u bla għadam kopert mill-kodiċi tan-NM 0202 30 90, espressi bħala użin ta' laħam mingħajr għadam, li joriġina mill-Awstralja. Din il-kwota ġġib in-numru tas-serje 09.4001.

(c) 200 tunnellata "laħam tal-buflu mingħajr għadam, frisk, imkessaħ jew iffriżat" kopert mill-kodiċijiet tan-NM 0201 30 00 u 0202 30 90, espressi bħala użin ta' laħam mingħajr għadam, li joriġina mill-Arġentina. Din il-kwota ġġib in-numru tal-ordni 09.4004.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "laħam iffriżat" ifisser laħam li jkollu temperatura interna ta' – 12 °C jew inqas meta jidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni.

3. Id-dazju *ad volarem* fil-kwoti msemmijin fil-paragrafu 1 għandu jkun ta' 20 %.

Artikolu 2

Il-kwota tariffarja għaċ-ċanga friska, imkessħa jew iffriżata li hemm dispożizzjoni dwarha fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1) għandha tiġi allokata kif ġej:

(a) 29 500 tunnellata ta' ċanga mingħajr għadam koperta mill-kodiċijiet tan-NM 0201 30 00 u 0206 10 95 u li tissodisfa d-definizzjoni li ġejja:

"Qatgħat taċ-ċanga magħżulin minn għoġġiela, għoġġiela żgħar jew erieħ li kielu biss ħaxix tal-mergħat minn mindu waqfu jerdgħu. Il-karkassi tal-għoġġiela għandhom jiġu klassifikati bħala 'JJ', 'J', 'U' jew 'U2', il-karkassi tal-għoġġiela żgħar u tal-erieħ għandhom jiġu klassifikati bħala 'AA', 'A', jew 'B' skont il-klassifikazzjoni uffiċjali taċ-ċanga stabbilita mis-Segretarjat tal-Agrikoltura, il-Bhejjem, is-Sajd u l-Ikel fl-Arġentina (Secretaría de Agricultura, Ganadería, Pesca y Alimentos — SAGPyA)".

▼B

Madankollu, għall-perjodi ta' importazzjoni 2012/2013, 2013/2014 u 2014/2015 l-ammont totali huwa 30 000 tunnellata.

Il-qatgħat għandhom ikunu ttikkettati skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

L-indikazzjoni "Ċanga ta' Kwalità Għolja" tista' tiżdied mat-tagħrif fuq it-tikketta.

Din il-kwota ġġib in-numru tas-serje 09.4450.

(b) 7 150 tunnellata ta' piż tal-prodott tal-laħam kopert mill-kodiċijiet tan-NM 0201 20 90, 0201 30 00, 0202 20 90, 0202 30, 0206 10 95 u 0206 29 91 u li jissodisfa d-definizzjoni li ġejja:

"Qatgħat magħżulin minn karkassi ta' għoġġiela jew erieħ li ġew ikklassifikati taħt waħda mill-kategoriji uffiċjali li ġejjin 'Y', 'YS', 'YG', 'YGS', 'YP' u 'YPS' kif iddefinit mill-'AUS-MEAT Australia'. Il-kulur taċ-ċanga jrid ikun konformi mal-istandards ta' referenza tal-kulur tal-laħam tal-'AUS-MEAT' bin-numri 1B sa 4, il-kulur tax-xaħam mal-istandards ta' referenza tal-kulur tax-xaħam tal-'AUS-MEAT' bin-numri 0 sa 4, u l-ħxuna tax-xaħam (imkejla fil-post P8) mal-klassijiet tax-xaħam bin-numri 2 sa 5 ta' l-'AUS-MEAT'".

Il-qatgħat iridu jiġu ttikkettjati skond l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000.

L-indikazzjoni "Ċanga ta' Kwalità Għolja" tista' tiżdied mat-tagħrif fuq it-tikketta.

Din il-kwota ġġib in-numru tas-serje 09.4451.

(c) ►**M1** 6 376 tunnellata ◄ ta' ċanga mingħajr għadam koperta mill-kodiċijiet tan-NM 0201 30 00 u 0206 10 95 u li tissodisfa d-definizzjoni li ġejja:

"Qatgħat taċ-ċanga magħżulin minn għoġġiela ('novillo') jew erieħ ('vaquillona') kif iddefinit fil-klassifikazzjoni uffiċjali tal-karkassi tal-laħam bovin stabbilita mill-Istitut Nazzjonali tal-Laħam tal-Urugwaj (l-'Instituto Nacional de Carnes – INAC'). L-annimali eliġibbli għall-produzzjoni ta' Ċanga ta' Kwalità Għolja jkunu kielu biss ħaxix tal-mergħat minn mindu waqfu jerdgħu. Il-karkassi għandhom jiġu kklassifikati bħala 'I', 'N' jew 'A', b'kisja tax-xaħam bin-numri '1', '2' jew '3', skond il-klassifikazzjoni msemmija hawn fuq".

Il-qatgħat iridu jiġu ttikkettjati skond l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000.

L-indikazzjoni "Ċanga ta' Kwalità Għolja" tista' tiżdied mat-tagħrif fuq it-tikketta.

Din il-kwota ġġib in-numru tas-serje 09.4452.

(d) 10 000 tunnellata ta' ċanga mingħajr għadam koperta mill-kodiċijiet NM 0201 30 00, 0202 30 90, 0206 10 95 u 0206 29 91 u li tissodisfa d-definizzjonijiet li ġejjin:

"Qatgħat magħżulin minn għoġġiela jew erieħ li kielu biss ħaxix tal-mergħat minn mindu waqfu jerdgħu. Il-karkassi għandhom jiġu kklassifikati bħala 'B' b'kisja tax-xaħam bin-numri '2' jew '3' skond il-klassifikazzjoni uffiċjali tal-karkassi taċ-ċanga stabbilita mill-Ministeru għall-Agrikoltura, il-Bhejjem u l-Provvista fil-Brażil (il-'Ministério da Agricultura, Pecuária e Abastecimento') ".

([1]) ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1.

▼B

Il-qatgħat għandhom jiġu ttikkettjati skond l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000.

L-indikazzjoni “Ċanga ta’ Kwalità Għolja” tista' tiżdied mat-tagħrif fuq it-tikketta.

Din il-kwota ġġib in-numru tas-serje 09.4453.

(e) 1 300 tunnellata ta’ piż tal-prodott tal-laħam kopert mill-kodiċijiet tan-NM 0201 20 90, 0201 30 00, 0202 20 90, 0202 30, 0206 10 95 u 0206 29 91 u li jissodisfa d-definizzjoni li ġejja:

“Qatgħat taċ-ċanga magħżulin li ġejjin minn għoġġiela jew erieħ li kielu biss ħaxix tal-mergħat, li l-karkassi tagħhom meta jkunu mnaddfa għandhom piż ta’ mhux iktar minn 370 kilogrammi. Il-karkassi għandhom jiġu klassifikati bħala ‘A’, ‘L’, ‘P’, ‘T’ jew ‘F’, jiġu mirquma skont il-ħxuna tax-xaħam tat-tip ‘P’ jew inqas u bi klassifikazzjoni ta’ muskolatura ta’ 1 jew 2 skont is-sistema ta’ klassifikazzjoni tal-karkassi amministrata mill-Bord tal-Laħam ta’ New Zealand”.

Din il-kwota ġġib in-numru tas-serje 09.4454.

(f) 11 500 tunnellata ta’ piż tal-prodott tal-laħam kopert mill-kodiċijiet tan-NM 0201, 0202, 0206 10 95 u 0206 29 91, u li jissodisfa d-definizzjoni li ġejja:

“Il-karkassi jew kwalunkwe qatgħa minn annimali bovini li ma jkollhomx aktar minn 30 xahar, mitmugħin għal perjodu ta’ mitt jum jew aktar dieta bbilanċjata nutrittiva, b'kontenut ta’ enerġija għolja li tinkludi mhux anqas minn 70 % qamħ, u b'valur ta’ mill-inqas 20 libbra ta’ għalf totali kuljum. Ċanga kklassifikata bħala ‘choice’ (‘tal-għażla’) jew ‘prime’ (‘tal-iprem kwalità’) skond l-istandards tal-USDA (Id-Dipartiment tal-Agrikolutura tal-Istati Uniti) tissodisfa awtomatikament id-definizzjoni ta’ hawn fuq. Laħam ikklassifikat bħala ‘Kanada A’, ‘Kanada AA’, ‘Kanada AAA’, ‘Kanada Choice’ u ‘Kanada Prime’, ‘A1’, ‘A2’, ‘A3’ ‘u A4’, skond l-Aġenzija tal-Ispezzjoni tal-Ikel Kanadiża – il-Gvern tal-Kanada, jikkorrispondi għal din id-definizzjoni”.

Din il-kwota ġġib in-numru tas-serje 09.4002.

(g) 1 000 tunnellata ta’ laħam mingħajr għadam koperti mill-kodiċijiet tan-NM 0201 30 00 u 0202 30 90 u li jissodisfa d-definizzjoni li ġejja:

“Flett (lomito), il-mixwi (striploin) u/jew Cube roll (lomo), ramp (rabadilla), l-għolja tal-koxxa (carnaza negra) miksubin minn annimali magħżulin ta’ razez imħallta b'inqas minn 50 % ta’ razez tat-tip zebú u li ġew mitmugħa biss ħuxlief jew ħaxix mill-mergħat. L-annimali maqtula għandhom ikunu għoġġiela jew erieħ li jaqgħu fi ħdan il-kategorija ‘V’ tas-sistema ta’ klassifikazzjoni tal-karkassi ‘VACUNO’ li tipproduċi karkassi li ma jaqbżux il-260 kg”.

Il-qatgħat għandhom jiġu ttikkettjati skond l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000.

L-indikazzjoni ‘Ċanga ta’ Kwalità Għolja’ tista' tiżdied mat-tagħrif fuq it-tikketta.

Din il-kwota ġġib in-numru tas-serje 09.4455.

Artikolu 3

1. L-importazzjonijiet tal-kwantitajiet stipulati fl-Artikolu 2(f) għandhom ikunu suġġetti għall-preżentazzjoni, hekk kif jiġu rrilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, ta’:

(a) liċenzja tal-importazzjoni maħruġa skond l-Artikoli 4 u 5, u

▼B

(b) ċertifikat tal-awtentiċità maħruġ skond l-Artikolu 6.

2. Għall-importazzjonijiet tal-kwantità stipulata fl-Artikolu 2(f), il-perjodu tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni għandu jinqasam fi 12-il perjodu sekondarju ta' xahar il-wieħed. Il-kwantità disponibbli għal kull perjodu sekondarju għandha tkun wieħed minn tnax tal-kwantità totali.

Artikolu 4

Biex jiksbu l-liċenzji tal-importazzjoni msemmijin fl-Artikolu 3, għandhom jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-sezzjoni 8 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji u l-liċenzji jeħtiġ li juru l-pajjiż tal-oriġini, u l-kelma "iva" għandha tkun ingassata b'salib. Il-liċenzji għandhom iġorru magħhom l-obbligu li l-importazzjoni ssir mill-pajjiż ikkonċernat;

(b) is-sezzjoni 20 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji u tal-liċenzji jeħtieġ li juru waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fl-Anness I.

Artikolu 5

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji msemmijin fl-Artikolu 4 jistgħu jitressqu biss matul l-ewwel ħamest ijiem ta' kull xahar ta' kull perjodu tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni.

Minkejja l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 382/2008, l-applikazzjonijiet jistgħu, għall-istess numru tas-serje tal-kwota, ikopru prodott jew bosta prodotti koperti mill-kodiċijiet tan-NM jew mill-gruppi tal-kodiċijiet tan-NM elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament. Fil-każ ta' applikazzjonijiet li jkopru bosta kodiċijiet tan-NM, għandha tiġi speċifikata, skond il-kodiċi tan-NM jew il-grupp tal-kodiċijiet tan-NM, il-kwantità rispettiva li għaliha tkun qed issir l-applikazzjoni. F'kull każ, il-kodiċijiet kollha tan-NM għandhom jintwerew fis-sezzjoni 16 u d-deskrizzjoni tagħhom fis-sezzjoni 15 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji u tal-liċenzji.

2. Sa mhux aktar tard mill-10 jum tax-xahar li fih jitressqu l-applikazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-kwantità totali koperta mill-applikazzjonijiet skont il-pajjiż tal-oriġini.

3. Il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jinħarġu mis-17-il jum u sa mhux aktar tard mill-21 jum tax-xahar li fih ikunu tressqu l-applikazzjonijiet. Kull liċenzja li tinħareġ għandha tispeċifika l-kwantità kkonċernata skont il-kodiċi tan-NM jew il-grupp ta' kodiċijiet tan-NM.

Artikolu 6

1. Għandha tinħareġ kopja waħda oriġinali taċ-ċertifikat tal-awtentiċità flimkien ma' mhux anqas minn kopja waħda tiegħu skond il-mudell mogħti fl-Anness II.

Il-qies tal-formoli għandu jkunu 210 × 297 mm u l-karta għandha tiżen mhux anqas minn 40 g/m^2.

2. Il-formoli għandhom ikunu mitbugħa u mimlija f'waħda mill-ilsna uffiċjali tal-Unjoni; jistgħu wkoll jiġu mitbugħa u mimlija fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-pajjiż li qed jesporta.

▼B

Id-definizzjoni rilevanti fl-Artikolu 2 li tapplika għal-laħam li joriġina fil-pajjiż li qed jesporta għandha tkun esposta fuq il-parti ta' wara tal-formola.

3. Iċ-ċertifikati tal-awtenticità għandu jkollhom numru tas-serje individwali allokat mill-awtoritajiet emittenti msemmija fl-Artikolu 7. Il-kopji għandu jkollhom l-istess numru tas-serje bħall-oriġinali.

4. Id-dokument oriġinali u l-kopji tiegħu jistgħu jkunu ttajpjati jew miktuba bl-id. Fil-każ tal-aħħar, għandhom jinkitbu bil-linka sewda u b'ittri kbar.

5. Iċ-ċertifikati tal-awtenticità huma validi biss jekk ikunu mimlijin sewwa u ffirmati b'mod konformi mal-istruzzjonijiet mogħtija fl-Annessi II u III minn awtorità emittenti, inkluża fil-lista tal-Anness III.

6. Iċ-ċertifikati tal-awtenticità jitqiesu li ġew ffirmati sewwa jekk ikunu jinkludu d-data u l-post tal-ħruġ kif ukoll it-timbru tal-awtorità emittenti u l-firma tal-persuna jew tal-persuni awtorizzati li jiffirmawhom.

It-timbru jista' jinbidel b'siġill mitbugħ kemm fuq iċ-ċertifikat oriġinali ta' l-awtenticità kif ukoll fuq il-kopji l-oħra tiegħu.

Artikolu 7

1. L-awtoritajiet emittenti elenkati fl-Anness III għandhom:

(a) ikunu rrikonoxxuti bħala tali mill-pajjiż li qed jesporta;

(b) jaċċettaw li jivverifikaw l-annotazzjonijiet fiċ-ċertifikati tal-awtenticità;

(c) jaċċettaw li kull nhar ta' Erbgħa jgħaddu lill-Kummissjoni kwalunkwe tagħrif li permezz tiegħu jkunu jistgħu jiġu vverifikati l-annotazzjonijiet fiċ-ċertifikati.

2. Il-lista fl-Anness III tista' tiġi riveduta mill-Kummissjoni fil-każ li kwalunkwe awtorità emittenti ma tkunx aktar irrikonoxxuta, fil-każ li tonqos milli twettaq kwalunkwe obbligu meħtieġ minnha jew fil-każ li tinħatar awtorità emittenti ġdida.

Artikolu 8

1. L-importazzjonijiet tal-kwantitajiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(b) u (c) u fl-Artikolu 2(a) sa (e) u (g) għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzji tal-importazzjoni maħruġin skont l-Artikolu 4(a) u (b) u l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, mar-rilaxx tagħhom fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa.

2. Iċ-ċertifikat tal-awtenticità oriġinali maħruġ skond l-Artikoli 6 u 7 flimkien ma' kopja tiegħu għandhom jingħataw lill-awtorità kompetenti flimkien mal-applikazzjoni għall-ewwel liċenzja tal-importazzjoni relatata maċ-ċertifikat tal-awtenticità.

Iċ-ċertifikati tal-awtenticità jistgħu jintużaw għall-ħruġ ta' aktar minn liċenzja waħda tal-importazzjoni fir-rigward ta' kwantitajiet li ma jaqbżux dawk murija fuq iċ-ċertifikat. Fejn tinħareġ aktar minn liċenzja waħda fir-rigward ta' ċertifikat, l-awtorità kompetenti għandha tapprova ċ-ċertifikat tal-awtenticità sabiex dan ikun juri l-kwantità attribwita.

▼B

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joħorġu liċenzji tal-importazzjoni biss wara li jkunu sodisfatti li t-tagħrif kollu fuq iċ-ċertifikat tal-awtentiċità jaqbel ma' dak li jkun waslilhom kull ġimgħa dwar is-suġġett mingħand il-Kummissjoni. Il-liċenzji għandhom jinħarġu immedjatament wara.

3. Minkejja l-ewwel u t-tielet subparagrafi tal-paragrafu 2, u suġġett għall-konformità mal-paragrafi 4, 5 u 6, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu joħorġu liċenzji tal-importazzjoni meta:

(a) l-oriġinal taċ-ċertifikat tal-awtentiċità jkun ġie ppreżentat imma t-tagħrif rilevanti mill-Kummissjoni jkun għadu ma waslilhomx; jew

(b) l-oriġinal taċ-ċertifikat tal-awtentiċità ma jkunx ġie ppreżentat; jew

(c) l-oriġinal taċ-ċertifikat tal-awtentiċità jkun ġie ppreżentat u t-tagħrif rilevanti mill-Kummissjoni jkun waslilhom imma xi dejta ma tkunx f'konformità.

4. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 3, minkejja l-punt (a) tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 382/2008 il-garanzija li trid tiġi ddepożitata għal-liċenzji tal-importazzjoni għandha tkun ugwali għall-ammont korrispondenti, għall-prodotti msemmija, tad-dazju sħiħ tad-dwana skond it-Tariffa Doganali Komuni applikabbli fil-ġurnata li fiha tiġi ippreżentata l-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni.

Wara li jkunu rċevew l-oriġinal taċ-ċertifikat tal-awtentiċità u t-tagħrif tal-Kummissjoni dwar iċ-ċertifikat imsemmi u wara li jkunu ivverifikaw li din id-dejta hija f'konformità, l-Istati Membri għandhom jirrilaxxaw dik il-garanzija bil-kundizzjoni li l-garanzija msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 382/2008 tkun ġiet iddepożitata għall-istess liċenzja tal-importazzjoni.

5. Il-preżentazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-oriġinal taċ-ċertifikat tal-awtentiċità konformi, qabel ma jiskadi l-perjodu ta' validità tal-liċenzja tal-importazzjoni kkonċernata għandha tkun ħtieġa prinċipali fit-tifsira tal-Artikolu 19 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 282/2012 ([1]). għall-garanzija msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4.

6. L-ammonti tal-garanzija msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4 mhux rilaxxati jintilfu u jinżammu bħala dazji doganali.

Artikolu 9

Iċ-ċertifikati tal-awtentiċità u l-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jibqgħu validi għal tliet xhur mid-dati tal-ħruġ tagħhom. Madankollu, iż-żmien tal-validità taċ-ċertifikati tal-awtentiċitàgħandu jiskadi mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju ta' wara d-data tal-ħruġ.

Artikolu 10

Għall-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(f) ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 u tar-Regolament (KE) Nru 382/2008, għajr fejn dan ir-Regolament jipprovdi mod ieħor.

([1]) ĠU L 92, 30.3.2012, p. 4.

▼B

Għall-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(1)(b) u (c) u fl-Artikolu 2(a) sa (e) u (g) ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, tar-Regolament (KE) Nru 382/2008 u tal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, ħlief fejn dan ir-Regolament jipprovdi mod ieħor.

Artikolu 11

1. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni:

(a) sa mhux iktar tard mill-għaxar jum ta' kull xahar, għall-kwoti tariffarji tal-importazzjoni bin-numri tas-serje 09.4450, 09.4451, 09.4452, 09.4453, 09.4454, 09.4002 u 09.4455, il-kwantitajiet ta' prodotti, inklużi l-prospetti żero, li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni matul ix-xahar ta' qabel;

(b) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu ta' wara t-tmiem ta' kull perjodu tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni, għall-kwota tariffarja tal-importazzjoni bin-numri tas-serje 09.4001 u 09.4004, il-kwantitajiet ta' prodotti, inklużi l-prospetti żero, li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni matul il-perjodu tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni preċedenti;

(c) il-kwantitajiet ta' prodotti, inklużi l-prospetti żero, koperti b'liċenzji tal-importazzjoni, li ma ntużawx jew li ntużaw biss parzjalment u li jikkorrispondu għad-differenza bejn il-kwantitajiet imniżżlin fuq in-naħa ta' wara tal-liċenzji tal-importazzjoni u l-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu:

(i) flimkien man-notifiki msemmijin fl-Artikolu 5(2) ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-applikazzjonijiet ippreżentati għall-aħħar perjodu sekondarju tal-perjodu tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni;

(ii) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' wara t-tmiem ta' kull perjodu tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dettalji tal-kwantitajiet ta' prodotti li tqiegħdu f'ċirkolazzjoni ħielsa skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006.

3. Għan-notifiki msemmijin fil-paragrafi 1 u 2, il-kwantitajiet għandhom ikun espressi f'kilogrammi ta' piż tal-prodott, għal kull pajjiż tal-oriġini u għal kull kategorija ta' prodotti kif indikat fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 382/2008.

In-notifiki dwar il-kwantitajiet imsemmijin fl-Artikolu 1(1)(b) u (c) u fl-Artikolu 2(a) sa (e) u (g) ta' dan ir-Regolament għandhom isiru skont ir-Regolament (KE) Nru 792/2009.

Artikolu 12

Ir-Regolament (KE) Nru 810/2008 huwa revokat.

Referenzi għar-Regolament revokat għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni mogħtija fl-Anness V.

▼B

Artikolu 13

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Annotazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 4(b)

— *Bil-Bulgaru:* Говеждо/телешко месо с високо качество (Регламент за изпълнение (ЕС) № 593/2013)

— *Bl-Spanjol:* Carne de vacuno de alta calidad [Reglamento de Ejecución (UE) nº 593/2013]

— *Biċ-Ċek:* Vysoce jakostní hovězí/telecí maso (Prováděcí nařízení (EU) č. 593/2013)

— *Bid-Daniż:* Oksekød af høj kvalitet (Gennemførelsesforordning (EU) nr. 593/2013)

— *Bil-Ġermaniż:* Qualitätsrindfleisch (Durchführungsverordnung (EU) Nr. 593/2013)

— *Bl-Estonjan:* Kõrgekvaliteediline veiseliha/vasikaliha (Rakendusmäärus (EL) nr 593/2013)

— *Bil-Grieg:* Βόειο κρέας εκλεκτής ποιότητας [Εκτελεστικός κανονισμός (ΕΕ) αριθ. 593/2013]

— *Bl-Ingliż:* High-quality beef/veal (Implementing Regulation (EU) No 593/2013)

— *Bil-Franċiż:* Viande bovine de haute qualité [Règlement d'exécution (UE) nº 593/2013]

— *Bit-Taljan:* Carni bovine di alta qualità [Regolamento di esecuzione (UE) n. 593/2013]

— *Bil-Latvjan:* Augstas kvalitātes liellopu/teļa gaļa (Īstenošanas regula (ES) Nr. 593/2013)

— *Bil-Litwan:* Aukštos kokybės jautiena ir (arba) veršiena (Įgyvendinimo reglamentas (ESB) Nr. 593/2013)

— *Bl-Ungeriż:* Kiváló minőségű marha-/borjúhús (593/2013/EU végrehajtási rendelet)

— *Bil-Malti:* Kwalita għolja ta' ċanga/vitella (Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 593/2013)

— *Bl-Olandiż:* Rundvlees van hoge kwaliteit (Uitvoeringsverordening (EU) nr. 593/2013)

— *Bil-Pollakk:* Wołowina/cielęcina wysokiej jakości (Rozporządzenie wykonawcze (UE) nr 593/2013)

— *Bil-Portugiż:* Carne de bovino de alta qualidade [Regulamento de Execução (UE) n.º 593/2013]

— *Bir-Rumen:* Carne de vită/viței de calitate superioară [Regulamentul de punere în aplicare (UE) nr. 593/2013]

— *Bis-Slovakk:* Vysoko kvalitné hovädzie/teľacie mäso (Vykonávacie nariadenie (EÚ) č. 593/2013)

— *Bis-Sloven:* Visokokakovostno goveje/telečje meso (Izvedbena uredba (EU) št. 593/2013)

— *Bil-Finlandiż:* Korkealaatuista naudanlihaa (Täytäntöönpanoasetus (EU) N:o 593/2013)

— *Bl-Isvediż:* Nötkött av hög kvalitet (Genomförandeförordning (EU) nr 593/2013)

▼B

ANNESS II

1. Esportatur (isem u indirizz):	2. Nru taċ-Ċertifikat:	**ORIĠINALI**
	3. Awtorità emittenti:	
4. Destinatarju (isem u indirizz):		
	5. ĊERTIFIKAT TA' AWTENTIĊITA` **ĊANGA u VITELLA** **Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 593/2013**	
6. Mezz ta' trasport:		
7. Marki, numri, għadd u tip ta' pakketti; deskrizzjoni tal-oġġetti:	8. Piż gross (kg)	9. Piż nett (kg)
10. Piż Nett (fi kliem):		
11. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITA` EMITTENTI B'dan niċċertifika li ċ-ċanga deskritta f'dan iċ-Ċertifikat hija konformi mal-ispeċifikazzjonijiet li jidhru fil-paġna segwenti. (a) għaċ-ċanga ta' kwalità għolja ([1]) (b) għal-laħam tal-buflu ([1]) Post: Data: ..... Firma u timbru (jew siġill) Imla b'ittri stampati jew bl-idejn b'ittri kbar.		
([1]) Ħassar kif xieraq.		

▼B

Definizzjoni

Ċanga ta' kwalità għolja li toriġina minn …

(definizzjoni xierqa)

jew laħam tal-buflu li joriġina mill-Awstralja

jew laħam tal-buflu li joriġina mill-Arġentina

▼B

ANNESS III

LISTA TAL-AWTORITAJIET FIL-PAJJIŻI LI QED JESPORTAW LI GĦANDHOM IS-SETGĦA JOĦORĠU Ċ-ĊERTIFIKATI TAL-AWTENTIĊITÀ

▼M2

— MINISTERIO DE AGROINDUSTRIA:

għal-laħam li joriġina mill-Arġentina:

(a) li jissodisfa d-definizzjoni mogħtija fil-punt (c) tal-Artikolu 1(1);

(b) li jissodisfa d-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 2(a).

▼B

— DEPARTMENT OF AGRICULTURE, FISHERIES AND FORESTRY — AUSTRALIA

għal-laħam li joriġina fl-Awstralja:

(a) li jissodisfa d-definizzjoni mogħtija fil-punt (b) tal-Artikolu 1(1);

(b) li jissodisfa d-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 2(b).

— INSTITUTO NACIONAL DE CARNES (INAC)

għal-laħam li joriġina fl-Urugwaj u li jissodisfa d-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 2(c).

— DEPARTAMENTO NACIONAL DE INSPECÇÃO DE PRODUTOS DE ORIGEM ANIMAL (DIPOA)

għal-laħam li joriġina fil-Brażil u li jissodisfa d-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 2(d).

— NEW ZEALAND MEAT BOARD

għal-laħam li joriġina fin-New Zealand, li jissodisfa d-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 2(e).

— FOOD SAFETY AND INSPECTION SERVICE (FSIS) OF THE UNITED STATES DEPARTMENT OF AGRICULTURE (USDA)

għal-laħam li joriġina fl-Istati Uniti tal-Amerika u li jissodisfa d-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 2(f).

— CANADIAN FOOD INSPECTION AGENCY — GOVERNMENT OF CANADA/AGENCE CANADIENNE D'INSPECTION DES ALIMENTS — GOUVERNEMENT DU CANADA

għal-laħam li joriġina fil-Kanada, u li jissodisfa d-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 2(f).

— SERVICIO NACIONAL DE CALIDAD Y SALUD ANIMAL, DIRECCIÓN GENERAL DE CALIDAD E INOCUIDAD DE PRODUCTOS DE ORIGEN ANIMAL

għal-laħam li joriġina fil-Paragwaj u li jissodisfa d-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 2(g).

▼B

ANNESS IV

Ir-Regolament imħassar bl-emendi suċċessivi tiegħu

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 810/2008 (ĠU L 219, 14.8.2008, p. 3)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1136/2008 (ĠU L 307, 18.11.2008, p. 3)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 539/2009 (ĠU L 160, 23.6.2009, p. 3)	L-Artikolu 2 biss
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 868/2009 (ĠU L 248, 22.9.2009, p. 21)	L-Artikolu 2 biss
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2009 (ĠU L 254, 26.9.2009, p. 9)	
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 653/2011 (ĠU L 179, 7.7.2011, p. 1)	L-Artikolu 3 biss
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1257/2011 (ĠU L 320, 3.12.2011, p. 12)	
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1212/2012 (ĠU L 348, 18.12.2012, p. 7)	L-Artikolu 5 biss

▼B

ANNESS V

Tabella ta' korrelazzjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 810/2008	Dan ir-Regolament
Artikolu 1(1), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 1(1)
Artikolu 1(1), it-tieni subparagrafu	—
Artikolu 1(2) u (3)	Artikolu 1(2) u (3)
Artikoli 2 sa 13	Artikoli 2 sa 13
Anness I	Anness II
Anness II	Anness III
Annex III	Anness I
Anness VII	—
Anness VIII	—
—	Anness IV
—	Anness V